MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1774/2003

**Commonwealth Educational Society Lta ta' Nassau Bahamas kif rappresentata lokalment mill-mandatarju taghha Godfrey Aquilina**

**Vs**

**Mary Rose Vella**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm257.28 (mitejn u seba` u hamsin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu) bilanc ta' somma akbar prezz ta' bejgh ta' kotba konsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' April 2003 bl-interessi kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-2 ta' Marzu 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fil-21 ta' Ottubru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------